KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

**8 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 61**

**L-Erbgħa 15 ta' Frar, 2023**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa, l-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa*, fil-17:30h.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur | Simon Buttigieg | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsillier *(online)* |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier |
| Is-Sa | Doriana Portelli | Kunsillier |

**ASSENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Carlo Stivala | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Jordy Brincat | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Perit Carmel Caccopardo | *Contracts Manager* |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**

Hadd

## 61.01 Qari ta' Ittri t'apoloġija

**61.01.01** Il-Kunsillier Johann Borg talab sabiex jiġi skużat mis-seduta tal-llum minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-Kunsilliera kollha preżenti.

**61.01.02** Il-Kunsilliera Doriana Portelli talbet sabiex tiġi skużata mis-seduta tal-llum minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-Kunsilliera kollha preżenti.

**61.01.03** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li mingħand il-Kunsillier Carlo Stivala ma rċieva l-ebda ittra jew tip ta' kommunikat ieħor. Semma ukoll li din hija t-tielet laqgħa li fiha l-Kunsillier Carlo Stivala ma bagħat l-ebda kommunikat. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsilliera preżenti sabiex il-Kunsill jieħu deċiżjoni dwar dan in-nuqqas minn dan il-Kunsillier. Apparti dan kollhu għal ħafna drabi prova jikkomunika mal-Kunsillier Carlo Stivala imma dan kien kollu ta' xejn. Hu ta' rendikont lill-Kunsill dwar l-attendenza tiegħu. Matul l-aħħar 15-il seduta li saru, is-Sur Stivala kien preżenti għal-erba' seduti, assenti b'apoloġija seba' seduti, u l-erba' seduti l-oħra assenti mingħajr apoloġija. Is-Sindku Scott Camiller talab lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat sabiex jitkellem mad-Dipartiment biex il-Kunsill jkollu kjarifika ta' xi jrid iseħħ fuq din is-sitwazzjoni. Min-naħa tiegħu hu qal li skond il-liġi dan jekk ikun imniżżel assenti għal erba' seduti konsekuttivi, trid titlà item fuq l-aġenda fis-seduta li jmiss u wara titressaq għall-attenzjoni tal-Ministru kkonċernat. Għal din il-laqgħa l-Kunsillier Carlo Stivala kien għal darb'oħra mmarkat assenti.

## 61.02 Approvazzjoni tal-minuti (Seduta 59 u Laqgħa Annwali 60)

**61.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjonijiet fuq il-minuti tas-Seduta 59.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Alex Caruana u sekondat mill-Kunsillier Simon Buttigieg, il-minuti ġew approvati unnanimament.

**61.02.02** Ma kien hemm l-ebda korrezzjonijiet fuq il-minuti tas-Seduta 60 (Laqgħa Annwali)

Fuq proponiment tal-Kunsillier Joseph Farrugia u sekondat mill-Kunsillier Simon Buttigieg, il-minuti ġew approvati unnanimament.

## 61.03 *Arising* mill-minuti (Seduta 59)

**61.03.01** Ma kien hemm xejn *Arising* mill-minuti (Seduta 59)

## 61.04 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet

**61.04.01** Qoute Sage License: L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li bħal ma qal f'seduti preċendti kien hemm il-bżonn li jinxtara *laptop* ieħor minħabba li meta jkun hemm l-*accountant* fl-uffiċju tagħna, waħda mill-iskrivani kienet qed tispiċċa mingħajr il-*laptop* tagħha. Il-*laptop* inxtara u issa qed jitla' quddiem il-Kunsill għall-

approvazzjoni, il-kwotazzjoni għal-liċenzja oħra tas-sistema tas-*Sage*, biex din tkun tista' tibqa' għaddeja bil-ħidma normali tagħha. Il-Kunsill qabel li din għandha tinxtara għax hija għodda essenzjali għall-ħidma tal-Kunsill.

**61.04.02** *Storage Container*: Il-Kunsillier Alex Caruana spjega li dan l-*istorage container,* il-Kunsill għandu bżonnu biex sakemm ikun għaddej ix-xogħol marbut mad-dawl tal-*Promenade*, biex fiħ jinżammu l-arbli u lampi li se jinqalghu u jiġu rrangati. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil saqsiet jekk hux viabbli li b'dawn l-istess prezzijiet jitfittex garaxx fejn jistgħu jsiru dawn ix-xogħlijiet. Is-Sindku Scott Camilleri staqsa lill-Kunsillier Alex Caruana, kemm se jdum isir użu minn dal l-*istorage container*. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li ma jafx kemm, għaliex l-ewwel biċċa li se ssir se tkun *trial-run,* peress li ħadd ma jaf x'se jinstab meta jibda' jinqala' x-xogħol.

Is-Sindku qal li filgħodu tkellem mal-iskrivan Michael Farrugia u nstab li meta tqabbel il-prezzijiet huwa iktar viabbli li dan l-*istorage container* jinxtara u jinżamm mill-Kunsill Lokali. Il-Kunsillier Alex Caruana semma ukoll li meta dawn jinkrew u mhux jinxtraw ikun hemm regoli stretti li l-container ma jkunx jista jiġi rranaġat għal ħtiġijiet tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsilliera preżenti talbu lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat sabiex jinġabru kwotazzjonijiet oħra biex jinxtara dan l-*istorage container*.

**61.04.03** *Żbir ta' siġar:* Għal din il-kwotazzjoni ntgħażlet Kwotazzjoni D għall-prezz ta' €43, għal żbir ta' siġar mingħajr l-użu ta' *cherry picker* u €92 għal żbir ta' siġar bl-użu ta' *cherry picker*. Il-kwotazzjoni (B) li hi tal-istess *supplier* li kien għamel xi xogħlijiet qabel, u li issa b'dan ix-xogħol se jaqbeż l-ammont ta' *direct order.* Jekk jaqbeż l-ammont imorru għal kwotazzjoni D li hija ftit irħos mill-B. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat talab lill-Kunsilliera preżenti sabiex jibgħatu *e-mail waħda kull wieħed* lil Kunsill Lokali biex jindikaw l-postijiet fejn hemm bżonn isir ix-xogħol ta' żbir ta' siġar.

Il-Viċi Sindku Josette Busuttil u l-Kunsilliera Maria Mifsud qablu fuq id-dawra tat-Torri ta' San Luċjan peress li din tinsab perikoluża. Il-Kunsilliera Maria Mifsud kompliet billi qalet li din il-biċċa xi darba inbdiet minn entità partikolari imma ma tkomplietx.

## 61.05 Skeda ta' pagamenti u petty cash

*Skeda ta' Pagamenti:*

**61.05.01** Is-Sindku Scott Camilleri astjena milli jagħti approvazzjoni lin-numru 41 hekk kif għandu konflitt t'interess.

**61.05.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet, in-numru 4 dwar xiex tikkorrispondi. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat, irrisponda li din għandha x'taqsam mal-attività 'Milied fil-Pjazza' għax kien hemm xi pagamenti li waslu tard l-uffiċju u għalhekk ġew ipproċessati tard.

**61.05.03** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat hawn ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsilliera dwar il-kontijiet pendenti li l-Kunsill Lokali għandu mal-kuntrattur tat-*Tipper Truck*, hekk kif dan twaqqaflu il-pagamenti biex ikun jista' jgħaddi seduta biex jiddeċiedu l-Kunsilliera. Il-Kunsill irċieva erba' pagamenti fuq il-vjaġġi li saru sa Ħal Far biex jittieħdu

l-ħwejjeġ għan-nies fil-bżonn tat-Turkija. Il-Kunsilliera preżenti qablu li l-Kuntrattur is-jinħallas €25 + VAT. Dan bħala ħlas extra minħabba li kellhu bżonn l-għajnuna ta' lavrant miegħu.

*Petty Cash:*

**61.05.04** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-*petty cash.*

Fuq proponiment tal-Kunsillier Alex Caruana u sekondat mill-Kunsillier Simon Buttigieg, il-Kunsilliera preżenti kollha approvaw l-iskeda tal-pagamenti u l-*petty cash*.

## 61.06 Komunikazzjoni mis-Sindku

**61.06.01** Is-Sindku Scott Camilleri qal li minħabba n-nuqqas t'attedenza minn ammont ta' Kunsilliera. Ħabba din ir-raġuni qed jikkonsidra jagħmel tibdiliet drastiċi fejn jidħlu d-dekasteri tal-Kunsilliera. Dan minħabba li l-piż qed jispiċċa dejjem fuq l-istess erba' Kunsilliera. L-Agent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li spiċċa kull seduta jitkarrab biex ikun hemm *quorum*. tul is-seduta kollha.

**61.06.02** Is-Sindku Scott Camilleri ħabbar li l-kuntratt tal-Berġa ġie ffirmat, se jkun hemm laqgħa l-ġimgħa d-dieħla fuq il-post fejn ser issir Berġa temporarja. Hawn irringrazzja lill-Kunsillier Joseph Farrugia tal-proponiment u l-interess tiegħu.

**61.06.03** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar iż-Żurrieq *Joint Commitee.* Hu ta spjegazzjoni ħafifa ta' x'inhi s-sitwazzjoni tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa f'dan il-*Joint Committee*. Spjega li minn dan il-*Joint Committee* l-Kunsill Lokali Birżebbuġa għad fadallu jieħu madwar €70,000. Illum il-ġurnata f'dan il-kont baqa' €43,134. Qal li l-kumplament tal-Kunsilli Lokali li kienu f'dan il-*Joint Committee*, jridu li dawn il-flus jinqasmu ugwalment bejn il-Kunsilli kollha. Barra minn hekk, hemm €21,000 li ġew misapproprejati u li għaddej każ ta' investigazzjoni mill-Pulizija fuq wieħed mill-*accountant* li qiegħed fuq każ t'akkuża u li dawm il-flus ma humiex inklużi mat-€43,134. Waqt il-laqgħa li seħħet *online* fit-3 ta' Frar 2023, is-Sindku talab biex ikun hemm awditjar biex *jaraw il-way forward,* u fejn ġie nfurmat qatt ma kien hemm '*Formal Financial Statement'.* Is-Sindku Scott Camilleri staqsa lill-Kunsilliera preżenti jekk jaqblux li wara li jitkelmu ma' l-Avukat Dr.Victor Bugeja, biex jaraw jekk jistgħux li l-flus jiġu depożitati fl-*Economic Financial Unit* tal-Qorti u jgħaddu arbitraġġ. Il-Kunsillier Alex Caruana u l-Kunsillier Simon Buttigieg kienu tal-opinjoni li l-flus jiġu depożitati l-Qorti. Il-Kunsill Lokali ser iressaq il-pożizzjoni tiegħu li mhux qed jaqbel mal-proposta u jsir skrutinju waqt li d-deċiżjoni tittieħed mill-Qorti. Il-Kunsill ta' Birżebbuġa qabel unnanimament li jmur kontra l-mozzjoni taż-Żurrieq *Joint Committee* li tgħid li l-flus għandhom jinqasmu ugwalment bejn kull Kunsill Lokali li kien f'dan il-Joint Committee.

Dwar il-mozzjoni kif qed tiġi proposta miż-Żurrieq *Joint Committee* ittieħed vot mill-Kunsilliera preżenti.

Il-votazzjoni kienet:
*Favur il-mozzjoni: 0* *Assetensjonijiet: 0* *Kontra l-mozzjoni 6*

**61.06.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-latrini li għandna fir-raħal bħalissa m'hemmx persuna li hija inkarigata biex tieħu ħsieb il-latrina fil-ħinijiet li jkunu miftuħin, u b'hekk fis-Sajf qed ikun hemm ammont kbir ta' vandaliżmu. Dan l-aħħar ġranet kien hemm atti vandali fil-latrina ta' Wied il-Buni. Is-Sindku għarraf li għalkemm qed isiru xogħlijiet f'din il-latrina, dawn l-istess xogħlijiet se jdumu minħabba li s-saqaf qiegħed ikkundannat. Is-Sindku Scott Camilleri sostna li se jkellem lil *Projects Manager* tal-Kunsill Lokali biex jara hemmx bżonn ħruġ ta' *tender* inkella tistax issir varjazzjoni fit-*tender* preżenti biex ikun hemm persuna dejjem preżenti mal-latrina għaż-żmien tas-Sajf. Is-Sindku Scott Camilleri se jesplora ċ-ċirkustanza li l-latrini jkunu modirnezzati. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil u l-Kunsilliera Maria Mifsud sostnew li jista' jkun il-fatt li l-Kunsill jitkellem mal-Awtorità tat-Turiżmu biex jintbagħat persuna biex jieħu ħsieb dawn il-latrini. Il-Kunsillier Joseph Farrugia kompla mal-argument tal-Kunsilliera msemmija preċedentament u qal li t-tisbieħ, ikun ta' xejn jekk ma tagħmilx persuna inkarigata tieħu ħsieb.

**61.06.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma li għadu kif ġie finalment konkluż it-*tender* '*Services Tender for the supply and installation of Playing Field Equipment and Street Furniture for the Birzebbuga Local Council'*, u dan se jibda billi jagħti l-istimi tekniċi għas-*soft flooring* tal-bandli kollha li għandna fir-raħal, għax dawn jinstabu fi stat li għandhom bżonn jinbidlu. Wara se jintbgħatu stimi għal apparat li jista jinbidel ukoll f'kull bandli tar-raħal.

**61.06.06** Is-Sindku Scott Camilleri semma ukoll li fi Triq San Edwardu, bil-bini l-ġdid li tela' fi Triq ta' Feliċjan u Triq il-Barrieri, qed jostakola l-mixja tal-ilma fi Triq San Edwardu, iżjed milli Triq iż-Żibra. Is-Sindku Scott Camilleri kellem lil Kunsillier Alex Caruana biex jitkelmu mal-*Water Services Corporation*. Il-Kunsillier Alex Caruana żied li l-'*istorm water'* fi Triq il-Port Ħieles, u wara diskussjoni mal-Perit ta' *Infrastructure Malta*, kien determinat li huma se jagħmlu biss il-biċċa li qalgħu huma, issa bħala *Public Works Division* ma kienx hemm biżżejjed fondi biex isir dan il-proġett u l-pjan kien li jittieħdu l-flus mid-DPF Funds tal-Kunsill biex isir il-kumplament tal-proġett. Wara saret talba mil-Ministeru tal-*Public Works* lill-Ministeru tal-Finanzi, biex isir l-'*istorm water'* mis-*substation* ta' Triq is-Sebħ sas-*Sailing Club*.

## 61.07 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet

**61.07.01** Ma kien hemm l-ebda mozzjoni u/jew rakomandazzjonijiet

## 61.08 Korrispondenza

*Il-Contracts Manager, il-Perit Carmel Caccopardo intalab jintervjeni għal din il-parti tas-seduta dwar punt 61.08.01.*

**61.08.01** Il-Perit Carmel Cacopardo beda jitkellem dwar l-applikazzjoni li hemm mal-Awotrità tal-Ippjanar fin-naħat tal-Papa. Hu semma li mill-pjanti li ra, hemm żvilupp pożittiv, hekk kif fiż-żona msemmija il-Girien *Development Plan* jobbliga li għandu jkun hemm 20% ta' spazju miftuħ għal pubbliku. Imma hemm inċertezza hekk kif f'din l-applikazzjoni, it-triq hija mniżżla bħala 'Spazju miftuħ għal publiku'. Il-Kunsillier Alex

Caruana staqsa lil Perit Carmel Cacopardo jekk dan hux tal-privat imma dan irrisponda li 'spazju miftuħ għal pubbliku' huwa spazju miftuħ u b'hekk għandu jkun pubbliku. Il-Perit Carmel Cacopardo sostna li se jkompli jiċċekja dwar l-'spazju miftuħ għal pubbliku' x'inhu u se jitlob kjarifiċi biex ikun żgur dan l-*open space* x'inhu u li fl-20% ma jkunx hemm inkluż part mit-triq.

**61.08.02** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar il-korrispondenza li waslet mingħand *Infrastructure Malta* dwar it-*tender* marbut mal-tisqijja u ż-żamma ta' diversi siġar u qsari mill-istess entità fil-lokal. Hu se jikkonferma l-ammont ta' postijiet mal-Kunsilliera inkarigata Maria Mifsud, biex flimkien jaraw x'hemm li jaqa' taħt it-*tender* tal-kuntrattur, u li mhumiex taħt it-*tender*, jkun hemm żewġ għażliet; jew tinħareġ CfQ jew inkella ssir *variation* fit-*tender* tal-kuntrattur tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsilliera Maria Mifsud semmiet ukoll li jista jintuża s-servizz tal-*handyman* tal-Kunsill Lokali, biex temporanjament jieħu ħsiebom hu. Il-Kunsilliera Maria Mifsud kompliet issemmi ħafna postijiet fejn hemm ammont ta' siġar kbar bħal, dawk tat-Tamarisk ħdejn il-monument ta' Bush u Gorbachev u n-naħa ta' Wied il-Buni. Tenniet ukoll li l-Kunsill irid joqgħod attent għal *pots* li hemm Triq Żarenu Dalli, u dawn il-*pots* jaqgħu taħt it-*tender* tal-kuntrattur tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku Scott Camilleri irrisponda billi qal biex jitkellmu mal-*Contracts Manager* tal-Kunsill Lokali, jagħmel karta bil-miktub tax-xogħlijiet li jaqgħu taħt il-kuntrattur, u biż-żidied li hemm bżonn isiru.

**61.08.03** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li l-Kunsill Lokali irċieva ittra ta' ringrazzjament mingħand Dr. Lydia Abela mart il-Prim Ministru dwar għall-attività 'Rigal b'Imħabba' li saret ġewwa Birżebbuġa. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil talbet li din tittella fuq il-paġna tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku Scott Cammiler rringrazzja u faħħar l-impenn tal-Viċi Sindku Josette Busuttil għat-tnedija ta' din l-attività.

**61.08.04** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qara ittra li l-Kunsill irċieva talba għal kumpens ta' ħsarat li saru fil-karozza fi Triq il-Port Hieles. L-Avukat tal-Kunsill Lokali Dr. Victor Buġeja u l-Perit Carmel Cacopardo ħejjew rapport wara li raw id-dokumenti kollha mibgħuta mill-inġurjat. Ir-rapport li tħejja jgħid, li l-persuna li qed titlob il-kumpens ma fiehx biżżejjed provi konkreti u qalu li dan l-ilment għandu jgħaddi għand *Infrastructure Malta* għax din l-entità qed tagħmel ix-xogħlijiet f'din it-triq. Il-Kunsill Lokali qabel ma' dan ir-rapport u b'hekk għandha titħejja ittra lil din il-persuna biex ikun mgħarraf bl-għażla tal-bord u r-rakomandazzjoni tal-Kunsill Lokali.

## 61.09 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

**61.09.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li wara l-maltemp qawwi li kien hemm dakinhar meta kien se jiltaqa' l-Bord tal-għażla dwar ic-CfQ għall-*Environmental Officer* s'issa baqa' sarx. Apparti minn hekk l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ġibed l-attenzjoni li għad hemm diversi *tenders* oħra li huma skaduti u oħrajn li se jiskadu fil-ġimgħat li ġejjin. Il-Kunsilliera preżenti qablu li jiltaqgħu it-Tlieta 7 ta' Marzu, sabiex il-bord jevalwa ic-CfQ tal-*Environmental Officer* u kif ukoll niddisukutu ftit dwar it-*tenders* li hemm xi jsiru. Meta mistoqsi mis-Sindku Scott Camilleri dwar *tenders* hemm pendenti l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li bħalissa hemm tlett *tenders* skaduti. Dawn huma dak tal-*Contracts Manager*, tal-*Grass Cutting in non-urban Areas*, u dak marbut mat-trasport tal-anzjani. Fil-viċin, il-Kunsill għandu tlett

*tenders* wkoll li se jkunu qed jiskadu. Dawn huma dak ta' servizz ta' *handyman* (Frar 2023), tas-servizz ta' Perit (Marzu 2023), u tar-*Road Mainetanace* (April 2023). Dwar it-tender marbut mas-servizz ta' Perit, is-Sindku Scott Camilleri talab lil-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat jistaqsi lir-Reġjun tan-Nofsinhar, jekk hux possibli nagħmlu użu mill-Perit tar-Reġjun.

**61.09.02** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellem dwar il-*vacancy* ta' *part-time Contracts Manager* li kienet għalqet, u kull m'applikat kienet persuna waħda. Meta sar l-evalwazzjoni tagħha ħareġ li din il-persuna ma kelliex ir-rekwiżiti meħtieġa. Il-Kunsillier Alex Caruana saqsa jekk kienx ħareg tender ta' *Contracts Manager* u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat irrisponda li l-bord kien irrakomanta lill-Kunsill Lokali li tinħareg sejħa *part-time* fi Skala 13 minħabba li l-prezzijiet kienu għoljin ħafna. Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa jekk it-*tender* li ħareġ hux possibli li jintuża issa. Is-Sindku Scott Camilleri u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat irrispondew li issa mhux possibli għaliex issa għadda ż-żmien. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li issa jrid jinħareġ tender ieħor. Il-Kunsilliera preżenti qablu li terġa toħroġ estensjoni tal-avviżi mill-ġdid.

**61.09.03** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellem dwar il-kuntratt skadut marbut *tal-Grass Cutting in non-urban areas.* Hu qed jerġa jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill li dan għandu jitwaqqaf immedjatament għax mhux nagħmlu użu minnhu u qed jitħallas ta' xejn. Il-Kunsilliera Maria Mifsud tenniet li l-qtugħ tal-ħaxix fin-*non urban areas* bħalissa qed isir mill-*Cleansing and Maintanance Division*. Il-Kunsill qabel unnanimament li dan is-ħlas għandu jieqaf kemm jista' jkun malajr.

## 61.10 Vakanza għall-ingaġġ ta' Skrivan/a full time fi Skala 15

**61.10.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat, semma li wara s-seduta li għaddiet saru l-*intervisti* għall-ingaġġ t'Uffiċjal Eżekuttivfi Skala 13 fuq bażi *full-time.* Wara li ġew evalwati ic-*CV's* mibgħuta kien hemm żewġ kandidati li kienu eliġibbli għal din is-sejħa. Wieħed minnhom attenda għall-*intervista* u l-ieħor m'attendiex. Wara li saret l-intervista mal-persuna li attendiet, il-bord tal-għażla qed jirrakomanda li din il-persuna mhux dik mixtieqa għall-esiġenzi li għandu bżonn il-Kunsill Lokali fil-preżent. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat, kompla billi qal li l-bord tal-għażla qed jirrakomanda li l-aħjar ħaġa hi li terġa toħrog is-sejħa u toħroġ sejħa oħra għal ingaġġ ta' skrivan/a *full-time* fi Skala 15.

**61.10.02** Il-Kunsill qabel unnanimament li jibda l-proċess sabiex tinħareġ sejħa għall-ingaġġ ta' Skrivan/a *full-time* fi Skala 15.

## 61.11 *Draft Leasing Agreement – Malta Freeport Coorporation Multi Storey Car Park*

**61.11.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li ftit tal-ġranet ilu saret laqgħa mal-Avukat tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar dan il-ftehim sabiex ikun kollox konformi mal-aspett legali. Minn din il-laqgħa ġie deċiż li tintbgħat talba uffiċjali lill-Ministru għall-Arti, Wirt Nazzjonali u l-Gvern Lokali Dr.Owen Bonnici sabiex ikollna l-approvazzjoni tal-Ministru

peress li hu proġett kbir. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat diġa ħejja t-talba u intbagħatet.

## 61.12 *Financial Statements* 2022

**61.12.01** Ġew preżentati lill-Kunsilliera Il-*Financial Statements* tal-2022 sabiex dawn jiġu approvati. Dawn ġew approvati unnanimament mill-membri kollha preżenti.

## 61.13 Traffiku, Parkeġġ, Utilitajiet u Servizzi

**61.13.01** Il-Viċi Sindku Josette Busutill saqsiet dwar x'ġara mit-talba tal-Kunsill Lokali, għal bollards, fil-laqgħa li kellhu l-Kunsill mac-CEO tat-*Transport Malta*. Il-Kunsill Alex Caruana semma li l-Kunsill ma rċieva xejn min-naħa ta' TM.

**61.13.02** Kien hemm talba għal parkeġġ għall-persuni b'diżabbiltà kommunali fi Triq Il-Brolli. Il-Kunsill qabel li din għanda issir.

**61.13.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li nhar is-Sibt li ġej ser titqaxxar Triq Feliċjan u l-Ħamis se jingħata l-asfalt. Il-Kunsillier Alex Caruana ikkonferma dan.

**61.13.04** Il-Kunsillier Alex Caruana semma tkellem mas-Sur Andrew Haig minn Transport Malta għall-approvazzjoni marbuta mal-modifiki żgħar tat-*traffic management* tal-Qajjenza. Qal ukoll li dwar it-*traffic management* fi Triq San Ġwann u baqa' ma rċieva l-ebda risposta.

**61.13.05** Il-Kunsillier Alex Caruana semma li l-*Water Service Corporation* ser tagħmel il-bankina fi Triq iż-Żibra. Il-WSC staqsewh jekk il-Kunsill jridx li ssir bil-konkos inkella ssir bil-*paving blocks*. Il-Kunsill qabel li mmoru għall-bankini tal-konkos. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat talab lill-Kunsillier Alex Caruana biex jitkellem magħhom sabiex it-triq issir bl-asfalt u l-bankina bil-konkos.

**61.13.06** Il-Kunsillier Alex Caruana semma l-*issue* tal-dwal tat-toroq tan-naħa 'tal-Papa' li meta jkun naqra riħ jew maltemp, jitlaq id-dawl tat-triq kollha fin-naħa 'tal-Papa'. L-Enemalta qed isostnu li dawn qed iseħħu minħabba li hemm d-*demarcation boxes* tal-Kunsill bil-ħsara. Il-Kunsillier Alex Caruana kompla billi semma li hu mhux se jibgħat lill-kuntrattur tagħna biex jaqla l-bozoz kollha ta' dik in-naħa. Il-Kunsillier Alex Caruana issuġġerixxa li l-ewwel jinqatgħu *circuits* zona zona biex ikunu jafu eżatt liema *circuit* qed joħloq din il-problemi. Bħalissa l-Kunsillier Alex Caruana għadu qed jistenna risposta min-naħa tal-Enemalta.

**61.13.07** Il-Kunsillier Alex Caruana semma li kellu żewġ talbiet għall-bozzoz ġodda. Dawn huma fit-Triq tal-Papa u fi Triq il-Fortizza. Ħdejn il-fortizza, fejn kull ma hemm minn bozza sa tnejn. Biex issir il-bozza hemm bżonn issir applikazzjoni min-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar. Il-Kunsillier Alex Caruana esprima l-opinjoni li mhux tal-idea li din issir għal arblu wieħed imma ssuġġerixxa li din issir għal ammont ta' arbli li jistgħu jsiru li għalkemm ma jinxtelux kollha imma jkunu hemm għall-bzonnijiet fil-futur. Is-Sindku Scott Camilleri tenna li dawn iridu jsiru baxxi jew inkella jsir *reflectors* u l-permess jinġieb

min-naħa ta' *Transport Malta*. Il-Kunsillier Alex Caruana kompla billi qal li se jitkellem mal-Perit biex ikun ċert. Is-Sindku Scott Camilleri semma li hemm bozza kif taqbeż l-ex Carribean Bar, li hemm kwistjoni għaliex dik qatt ma ġiet sanzjonata. Is-Sindku Scott Camilleri issuġġerixxa li l-iktar mod faċli u mgħaġġel, hu li l-bozoz isiru bis-*solar*.

**61.13.08** Il-Kunsillier Alex Caruana semma l-ħsieb tiegħu fuq il-bozoz li hemm faċċata tal-Kunsill u li qed jinqatgħu ta' spiss. Hu diġa kellem lill-kuntrattur, li dan mar u sab li l-*main switch* kien imbarrat bl-affarijiet u ma kienx hemm katnazz. Dan staqsa kemm lis-Sindku Scott Camilleri u anka lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat dwar dawn l-affarijiet. Is-Sindku Scott Camilleri qallu li din hija miżura temporanja. Il-kuntrattur qed jistenna biex dawn jiġu żbarazzati biex dan tal-aħħar ikun jista jaħdem kif suppost. Hu semma wkoll li wara rapport li daħallu dwar fanal fejn il-moll ta' San Ġorg, u kif mar il-kuntrattur fuq il-post, sab li l-bieba kienet imbabsa u li dan huwa ta' periklu.

**61.13.09** Il-Kunsillier Alex Caruana kompla billi semma l-fanali tal-Ġnien il-Kunsill Lokali fejn hemm żewġ mudelli, u wara li tkellem mal-inġinier tal-*Public Works* qalulu li jkun aħjar jekk jużaw mudell li huwa galvaniżżat u  mhux tal-*fumagallo* għax hu iktar b'saħħtu. Il-Kunsill Lokali kollhu qabel mas-suġġeriment tal-Kunsillier Alex Caruana.

**61.13.10** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar Triq Ġużeppi Despott. Din il-biċċa t'isfel saru l-bankini mill-*Public Works* kollox ġdid u bħalissa qed issir il-biċċa ta' fuq. Il-Kunsill qabel li jitkellmu ma *Infrastructure Malta* biex kif dawn se jkunu qed jaħdmu fuq Triq il-Port Ħieles, li hi triq viċin dawn jibqgħu għaddejin bl-asfalt b'din it-triq ukoll minflok issir bil-konkos. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma' dan.

**61.13.11** Il-Kunsillier Alex Caruana semma dwar il-permessi marbuta mat-*tower cranes*, u li bħalissa deħlin ħafna *requests* sabiex issiru *tower cranes.* Hu staqsa lil Kunsill x'inhi d-direzzjoni li se jieħu l-Kunsill biex il-*Customer Care* ikun jaf mill-ewwel x'għandu jirrispondi meta jidħlu dawn it-talbiet. Staqsa ukoll jekk hux se jkun hemm depożitu, hu ssuġġerixxa li jsir depożitu meta t-*tower crane* ikun se jintrama fit-triq. Hawn irrimarka sabiex ma jiġrix kif ġara fi Triq Dun Ġorġ Żammit fejn kien hemm ħafna *cables* li ħadd ma kien jaf ta' fejn u ta' min huma. Wara ħafna kien instab li kienu tat-*tower crane* preċedenti. Il-Kunsilliera preżenti qabel li d-depożitu jkun ta' €1,000 meta dan jintrama fit-triq fuq l-asfalt u li dawn jingħataw meta x-xogħol ikun lest u jkun tħalla kollox tajjeb fit-triq u l-bankina. Ma' din il-garanzija jrid isir *engineering report* mill-electritian kwalifikat imqabbad mill-applikant, speċjalment minħabba il-cables tad-dawl li jissuplixxu it-*tower crane*.

**61.13.12** Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa lis-Sindku Scott Camilleri kif kienu baqgħu fuq ir-*round about* ta' San Ġorġ wara il-laqgħa li saret. Is-Sindku Scott Camilleri qal li fadal il-BOQ sabiex tintbagħat lill-FTZD.  Il-Kunsillier Alex Caruana qal li bħala *supply* hemm *street lighting* mqabbad mal-fanali u għaldaqstant irid jingħata *supply* separat u permanenti.

**61.13.13** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil irċiviet talba sabiex titwessa' Triq 22 ta' Frar ma' Triq tal-Papa. Il-Kunsillier Alex Caruana wieġeb li hemm problema minħabba li t-triq saret wara li nbena il-bini preżenti. Is-Sindku Scott Camilleri qal li din inqalat minħabba l-estensjoni ta' bini minn Triq tal-Ġebel.

**61.13.14** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil irċeviet talba għal asfalt fl-Isqaq fi Triq tal-Papa. Il-Kunsillier Alex Caruana semma li din għandha tissemma fil-laqgħa li ser issir ma' *Infrastructure Malta.*

**61.13.15** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil irċeviet talba mingħand is-Sid tal-Angolina Restaurant minħabba li qed jibqa' ammont ta' ilma wara li tagħmel ix-xita. Il-Kunsillier Alex Caruana wieġeb li hemm għanda issir sistema ta' *culverts* li jitfgħu fil-baħar.

**61.13.16** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet dwar il-ħofra kbira quddiem il-BOV. Il-Kunsillier Alex Caruana wieġeb li din intliet bil-konkos. Hi staqsiet ukoll dwar ħofra oħra fi Triq il-Mandolina. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal biex jiġi avżat il-*foreman* ħalli jimlija bit-*tarmac*. Il-Kunsillier Alex Caruana kompla jgħid li t-toqba ta' faċċata (ħdejn il-kamra tal-borok) ilu xhur jiġġieled biex issir u għadha ma saritx. Wkoll hemm tappiera tħabbat ħdejn l-Alfresco li għadha ma saritx. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat u l-Kunsillier Joseph Farrugia irrimarkaw li l-Kunsill ġie mwiegħed li wara Sajf li għadda din it-triq kinet se tiġi asfaltata. Il-Kunsillier Alex Caruana irrisponda li l-ewwel iridu jsir xi xogħlijiet ta' drenaġġ qabel ma jibda ix-xogħol.

**61.13.17** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet dwar it-*tender* ta' l-*ismart play gounds* u s-Sindku Scott Camilleri qal li ser jara mal-kuntrattur li ngħata *tender* il-ġdid dwar x'għandu *supplies* vicin l-*ispecifications* tagħna u filkas immexxu.

**61.13.18** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil tkelmet dwar l-attività tal-Karnival. Hi kienet ħasbet li kien ġie bbukjat is-servizz tal-Pulizija però għal xi raġuni ma kienx ġie. Is-Sindku Scott Camilleri qal biex issir talba lil-LESA.

**61.13.19** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil tkelmet dwar il-maskra tal-Karnival li ntużat is-sena ta' qabel u li issa ma nstabet mkien. Issa minn sellifa lill-Kunsill qed jitlob €300.

## 61.14 Proġetti u Skemi

**61.14.01** Il-Kunsillier Joseph Farrugia tkellem dwar l-osservazzjoni tiegħu fuq il-Bajja s-Sabiħa. Dan għaliex wara l-maltemp tal-ġranet preċedenti l-bajja daħlet ammont ta' spazju 'l ġewwa. Il-Kunsillier Alex Caruana ikkonferma dan ukoll min-naħa tiegħu. Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Awtorità tat-Turiżmu qed tikkunsidra li tkabbar il-bajja. Il-Kunsillier Joseph Farrugia rrisponda billi semma li din il-bajja mhux titkabbar biss għandha bżonn, imma li jsiru borders biex ir-ramel tal-bajja ma jintilifx bħal ma ntilef din il-ġimgħa. Is-Sindku Scott Camilleri kompla billi qal li fl-aħħar laqgħa ma l-Awtorità tat-Turiżmu kien hemm interess li titkabbar din il-bajja, f'din il-laqgħa kien hemm preżenti s-Sindku Scott Camilleri, u l-Viċi Sindku Josette Busuttil.

**61.14.02** Il-Kunsillier Joseph Farrugia staqsa hux possibli jinbena ħajt ieħor fin-naħa ta' Wied Żenbaq biex jipprevjeni ammont kbir ta' xita milli jinżel fit-toroq tar-raħal. Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Kunsill irid jitkellem ma' Parks Malta.

## 61.15 Saħħa, indafa u ambjent

**61.15.01** Il-Kunsilliera Maria Mifsud tkellmet li l-Kunsill Lokali irid jagħmel kuntatt mal-Kuntrattur tal-ġonna kemm jista jkun malajr ,minħabba l-*pots* ta' Triq Żarenu Dalli. Dan għaliex kif qall is-Sindku Scott Camilleri il-kuntratt t'*Infrastructure Malta* jagħlaq f'April li ġej. L-Agent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li ser ikellem lil Contracts Manager sabiex jagħmel varjanza mal-kuntrattur tal-ġonna sabiex minn April jibda jsaqqi il-*pots* ta' Triq Żaren Dalli hu.

*Bħalissa it-20.05h u l-Kunsillier Joseph Farrugia talab biex jiġi skużat minħabba raġunijiet personali.*

## 61.16 Attivitajiet

**61.16.01** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet li s-Sibt se jiġi ċċelebrat il-Karnival f'Birżebbuġa. Se jkun hemm parata li se titlaq fis-18:00h minn Misraħ Hamilkar bis-sehem tal-Baned Lokali flimkien mal-maskaruni u mascots. Il-parata se tgħaddi minn Triq San Filippu, il-Bajja s-Sabiħa Triq Birżebbuġa, Triq Żarenu Dalli sa ħdejn il-Maypole u għas-Sala ta' l-iskola Primarja, fejn se jkun hemm żfin u wkoll divertiment ma' Joe Demicoli, Joe Farrugia d-Dulli u Veronica. Se jkun hemm mejda armata għal disgħin tifel u tifla bl-*lunches* u *party bags* mogħtija mill-Malta Freeport. Dakinhar se jkun qed jintrama l-banner ta' Ena Marie Mifsud - it-tifla tal-Kunsilliera Maria Mifsud u li matul din l-attività se jinġabru fondi minn dawk preżenti. Ġurnata qabel il-Viċi Sindku Josette Busuttil kellha attività fejn ġabret iżjed flus għal dan l-għan nobbli.

**61.16.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet li x-xahar id-dieħel, nhar l-14 ta' Marzu se jkun hemm ħarġa għall-fabbrika tal-Benna u wara se jsir *high tea* organizzat mill-Kunsill Lokali.

**61.16.03** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet li fix-xahar t'April se jkun hemm ħarġa għal Għawdex għal żmien il-Ġimgħa l-Kbira fejn se mmorru naraw wirjiet u wara ser ikun hemm ikla.

**61.16.04** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet ukoll li l-ġimgħa ta' wara se jkun hemm Ġurnata għal Sqallija, fejn ser induru diversi villaġġi fi Sqallija.

## 61.17 Kultura, żgħażagħ u sport

**61.17.01** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar it-talba li waslet mingħand it-Tenur Michael Angelo Muscat, fejn qed jitlob l-ammont €300 biex jitella kunċert b'Mużika Sagra fil-21 t'April 2023, fil-Parroċċa ta' Birżebbuġa sabiex jinġabru fondi b'risq sensiela ta' kunċerti f'Malta u Għawdex bl-isem "*In Praise of Music*" bħala għajnuna lil Fondazzjoni Nazareth biex jitkompla l-proġett tal-bini ta' Dar San Franġisk. Hawn l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat fakkar li mhux permessi issiru *sponsorships* u donazzjonijiet mill-fondi tal-Kunsill. Għalhekk, il-Kunsill qabel li l-attività trid tkun in-kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali biex nkunu nistgħu nieħdu sehem.

**61.17.02** Is-Sindku Scott Camilleri qal li f'dan il-*weekend* kien hemm 'l fuq minn 110 baħħar minn 8 pajjiżi differenti. Din kienet l-ikbar attività sportiva tal-baħar f'Malta kollha. It-titjib li sar fil-parkeġġ ta' Wied il-Buni għen iżjed biex attivitajiet kbar jsiru f' Birżebbuġa.

**61.17.03** Is-Sindku Scott Camilleri kompla billi semma l-*Intenational Skate Fest* mal-*Malta Trust Foundation* u għandha ssir laqgħa biex jitkellmu fuq tiswijiet li jridu jsiru lill-grawnd tar-ramel tal-Bajja is-Sabiħa.

## 61.18 Affarijiet oħra

**61.18.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li f'dan l-aħħar ġranet iltaqa' flimkien mal-iskrivan Michael Farrugia, ma' persuna oħra sabiex niddiskutu u naraw xi propostà jista' joffri għall-*upgrade* tal-*boardroom* u l-entratura tal-Kunsill. Għalissa għadna fil-fażi li niġbru l-isketches u l-ideat. *Commitments* s'issa għadhom ma sarux.

## 61.19 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**61.19.01** Is-Seduta tal-Kunsill intemmet fit-20:15h wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 21 ta' Marzu, 2023, fil-17:30h.

| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Aġent Segretarju Eżekuttiv* |